DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2238

tal-5 ta' Diċembru 2017

dwar l-ekwivalenza tal-qafas legali u superviżorju applikabbli għal swieq magħżula tal-kuntratti u faċilitajiet ta' eżekuzzjoni ta' swaps fl-Istati Uniti tal-Amerika skont ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 28(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 jirrikjedi lill-kontropartijiet finanzjarji u l-kontropartijiet mhux finanzjarji 'il fuq mil-limitu tal-ikklerjar kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) stabbiliti fl-Unjoni li jikkonkludu tranżazzjonijiet f'derivati li jappartjenu għal klassi ta' derivati li tkun ġiet iddikjarata soġġetta għall-obbligu ta' negozjar biss fi swieq regolati, faċilitajiet ta' kummerċ multilaterali (multilateral trading facilities, MTFs), faċilitajiet organizzati tan-negozjar (organised trading facilities, OTFs) u ċentri tan-negozjar ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti mill-Kummissjoni bħala ekwivalenti. Jenħtieġ li l-pajjiż terz rilevanti jipprovdi għal sistema ekwivalenti effettiva għar-rikonoxximent taċ-ċentri tan-negozjar awtorizzati skont id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(2) Il-proċedura għar-rikonoxximent ta' ċentri tan-negozjar stabbilita f'pajjiżi terzi, stipulata fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, għandha l-għan li tippermetti kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji stabbiliti fl-Unjoni li jikkonkludu tranżazzjonijiet f'derivati soġġetti għall-obbligu ta' negozjar f'ċentri tan-negozjar ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti bħala ekwivalenti. Il-proċedura ta' rikonoxximent u d-deċiżjoni ta' ekwivalenza b'hekk iżidu t-trasparenza tan-negozjar tad-derivati, inkluż fejn in-negozju jsir f'ċentri tan-negozjar stabbiliti f'pajjiż terz.

(3) Meta wieħed jikkunsidra l-ftehim milħuq mill-partijiet fil-G20 f'Pittsburgh fil-25 ta' Settembru 2009 sabiex in-negozjar f'kuntratti ta' derivati OTC standardizzati jitmexxa għal pjattaformi ta' kummerċ elettroniku jew boroż, huwa xieraq li jkun hemm provvediment għal firxa adegwata ta' ċentri eliġibbli li fihom jista jkun hemm negozjar skont dak l-impenn. Id-dispożizzjonijiet ta' ekwivalenza għandhom jinqraw fid-dawl tal-għanijiet segwiti mir-Regolament (UE) Nru 600/2014, b'mod partikolari għall-kontribuzzjoni tiegħu għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern, l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investitur u l-istabbiltà finanzjarja. Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 enfasizza barra minn hekk il-ħtieġa li tiġi stabbilita ġabra waħda ta' regoli għall-istituzzjonijiet kollha fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti u li jiġi evitat il-potenzjal tal-arbitraġġ regolatorju. Għalhekk, meta jintgħażlu l-kuntratti standardizzati tad-derivati OTC li se jkunu soġġetti għall-obbligu ta' negozjar, huwa xieraq li l-Unjoni trawwem l-iżvilupp ta' numru suffiċjenti ta' ċentri eliġibbli għall-eżekuzzjoni tal-obbligu tan-negozjar, inkluż fl-UE.

(4) F'konformità mal-Artikolu 28(4) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, ċentri tan-negozjar ta' pajjiżi terzi jistgħu jiġu rikonoxxuti bħala ekwivalenti għaċ-ċentri tan-negozjar stabbiliti fl-Unjoni meta dawn jikkonformaw ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti għaċ-ċentri tan-negozjar li jirriżultaw mid-Direttiva 2014/65/UE, ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u li huma

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

([3]) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

([4]) Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1).

soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz. Jenħtieġ li dan jinqara fid-dawl tal-għanijiet segwiti minn dak l-att, b'mod partikolari għall-kontribuzzjoni tiegħu għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern, l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investitur u l-aħħar iżda mhux l-anqas l-istabbiltà finanzjarja.

(5) Pjattaformi ta' negozjar ta' swaps li joperaw fl-Istati Uniti tal-Amerika (USA) joffru livell għoli ta' negozjar fi swaps denominati f'dollari u huwa importanti li l-kumpaniji tal-UE jkunu jistgħu jaċċessaw din il-likwidità għal ġestjoni effikaċi tar-riskji. Filwaqt li tiġi kkunsidrata l-importanza ta' pjattaformi ta' negozjar ta' swaps tal-Istati Uniti għall-funzjonament tas-suq tal-UE u l-impatt tagħhom fuq l-istabbiltà finanzjarja, huwa xieraq, f'dan il-kuntest, li jiġu rikonoxxuti l-pjattaformi ta' negozjar ta' swaps li joperaw fl-Istati Uniti tal-Amerika. Din id-deċiżjoni hija bbażata fuq valutazzjoni dettaljata tal-qafas legali u superviżorju tal-pjattaformi ta' kummerċ ta' swaps taħt il-Commodity Exchange Act (CEA) tal-Istati Uniti u r-regolamenti ta' implimentazzjoni b'enfasi partikolari fuq l-integrità u t-trasparenza tas-suq.

(6) L-għan ta' din il-valutazzjoni ta' ekwivalenza huwa għalhekk li tivverifika li l-arranġamenti legali u superviżorji taħt is-CEA u r-regolamenti ta' implimentazzjoni jiżguraw li s-swieq magħżula tal-kuntratti (DCMs) u l-faċilitajiet ta' eżekuzzjoni ta' swaps (SEFs) stabbiliti fl-Istati Uniti u awtorizzati mill-Commodity Futures Trading Commission (CFTC) huma soġġetti għal rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti għaċ-ċentri tan-negozjar li jirriżultaw mid-Direttiva 2014/65/UE, ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 u r-Regolament (UE) Nru 600/2014 u abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 28(4) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014. Il-fini tal-valutazzjoni ta' ekwivalenza huwa wkoll li jiġi verifikat jekk id-DCMs u s-SEFs humiex soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz.

(7) Ir-rekwiżiti legalment vinkolanti għal DCMs awtorizzati fl-Istati Uniti huma stabbiliti taħt il-forma CEA ta' qafas legali bażat fuq il-prinċipji għat-tħaddim tad-DCMs. Ir-rekwiżiti tas-CEA għad-DCMs jinkludu 23 Prinċipju Fundamentali. Dawn il-prinċipji għandhom is-saħħa tal-liġi u d-DCMs iridu jikkonformaw magħhom fuq bażi inizjali u kontinwa. DCM irid jikkonforma wkoll mar-regolamenti applikabbli tas-CFTC (CFR), li jispeċifikaw ir-rekwiżiti għall-operat bħala DCM.

(8) Ir-rekwiżiti legalment vinkolanti għal SEFs awtorizzati fl-Istati Uniti huma stabbiliti taħt il-forma CEA ta' qafas legali bbażat fuq il-prinċipji. L-SFSs joperaw taħt Taqsima 5h tas-CEA, li żdiedet mit-Taqsima 733 tad-Dodd-Frank Wall Street Reform u l-Consumer Protection Act għal kummerċ u pproċessar ta' swaps. It-Taqsima 5h tas-CEA tistipula 15 il-Prinċipju Fundamentali għas-SEFs. Sabiex persuna tikseb u żżomm ir-reġistrazzjoni mas-CFTC, l-SEFs iridu jikkonformaw ma' 15 il-Prinċipju Fundamentali. L-SEFs iridu jikkonformaw ukoll mar-regolamenti CFTC applikabbli għall-SEFs fuq bażi inizjali u kontinwa.

(9) L-Artikolu 28(4)(ad) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 jistabbilixxi erba' kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati sabiex jiġi determinat li l-arranġamenti legali u superviżorji ta' pajjiż terz rigward iċ-ċentri tan-negozjar awtorizzati hemmhekk huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 600/2014 u d-Direttiva 2014/65/UE.

(10) Skont l-ewwel kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 28(4)(a) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, ċentri tan-negozjar ta' pajjiżi terzi jridu jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni u għal superviżjoni u infurzar effettivi fuq bażi kontinwa.

(11) Sabiex jopera bħala DCM applikant irid japplika għal deżinjazzjoni mas-CFTC u juri l-konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tas-CEA kif ukoll taħt ir-regolamenti CFTC. Bl-istess mod, sabiex jopera bħala SEF, applikant irid jikseb reġistrazzjoni mas-CFTC u juri l-konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tas-CEA kif ukoll taħt ir-regolamenti CFTC. Is-CFTC għandha awtorità ta' sorveljanza regolatorja fuq DCMs u SEFs, rispettivament, skont it-Taqsimiet 5 u 5h tas-CEA, 7 USC 7 u 7 USC 7b-3. Sabiex tiġi nnominata mis-CFTC, DCM trid tikkonforma mat-23 Prinċipji Fundamentali tad-DCM taħt is-CEA u kwalunkwe rekwiżit li s-CFTC tista' timponi minn regola jew regolament. Sabiex tiġi rreġistrata mas-CFTC, SEF trid tikkonforma mal-15-il Prinċipju Fundamentali tal-SEF taħt is-CEA u kwalunkwe rekwiżit li s-CFTC tista' timponi minn regola jew regolament. DCM hija meħtieġa li tkun faċilità tan-negozjar li ġeneralment, taħt is-CEA, tfisser sistema multilaterali li fiha l-parteċipanti jkollhom il-kapaċità li jwettqu tranżazzjonijiet skont regoli mhux diskrezzjonali. DCMs iridu jipprovdu lill-membri b'aċċess imparzjali għas-swieq u s-servizzi tagħhom. Il-kriterji tal-aċċess iridu jkunu imparzjali, trasparenti u applikati b'mod mhux diskriminatorju. Barra minn hekk, ir-regolamenti CEA u CFTC jissoġettaw DCMs għar-rekwiżiti

organizzazzjonali rigward il-governanza korporattiva, il-politika dwar il-kunflitti ta' interess, il-ġestjoni tar-riskju, negozjar ġust u ordnat, ir-reżiljenza tas-sistema tan-negozjar, l-arranġamenti tal-ikklerjar u tas-soluzzjoni tal-kontroversji, l-ammissjoni għan-negozjar u l-monitoraġġ tal-konformità, li kollha jridu jitħarsu fuq bażi kontinwa. SEFs huma pjattaformi ta' negozjar tas-swaps li joperaw fuq bażi multilaterali. L-SEFs iridu jipprovdu lill-parteċipanti b'kuntratt eliġibbli b'aċċess imparzjali għas-swieq u s-servizzi tagħhom u huma meħtieġa li jkollhom kriterji ta' aċċess li jkunu imparzjali, trasparenti u applikati b'mod ġust u b'mod mhux diskriminatorju. L-SEFs huma soġġetti wkoll għal rekwiżiti organizzazzjonali rigward il-governanza korporattiva, il-politika dwar il-kunflitti ta' interess, il-ġestjoni tar-riskju, negozjar ġust u ordnat, ir-reżiljenza tas-sistema tan-negozjar, l-arranġamenti tal-ikklerjar u tas-soluzzjoni tal-kontroversji, l-ammissjoni għan-negozjar u l-monitoraġġ tal-konformità, li kollha jridu jitħarsu fuq bażi kontinwa.

(12) Id-DCMs u l-SEFs iridu jistabbilixxu r-regoli li jirregolaw l-operazzjonijiet tagħhom, inklużi regoli li jipprojbixxu prattiki kummerċjali abbużivi u jinfurzaw il-konformità ma' dawn ir-regoli. Dawn ir-regoli u kull emenda għalihom huma vvalutati mis-CFTC biex tiżgura konsistenza mar-regolamenti CEA u CFTC. Id-DCMs u l-SEFs irid ikollhom il-kapaċità li jidentifikaw, jinvestigaw, u japplikaw sanzjonijiet xierqa lil kwalunkwe persuna li tikser xi regola tad-DCM jew tal-SEF. Id-DCMs u l-SEFs jistgħu jużaw is-servizzi regolatorji ta' parti terza għall-għajnuna fil-konformità mar-rekwiżiti applikabbli taħt ir-regolamenti CEA u CFTC. Id-DCMs u l-SEFs jibqgħu responsabbli għall-konformità mal-obbligi statutorji u regolatorji tagħhom, anke meta jużaw tali parti terza biex jipprovdu servizzi regolatorji.

(13) Is-CFTC għandha wkoll ir-responsabbiltajiet tal-infurzar u sorveljanza kontinwa fir-rigward tad-DCMs u l-SEFs. Reviżjonijiet regolari tal-Infurzar tar-Regoli (Rule Enforcement Reviews, RERs) huma mwettqa, li huma mfassla biex jevalwaw il-konformità tad-DCMs ma' rekwiżiti statutorji u regolatorji relatati mas-sorveljanza tal-prattika tam-negozju, tas-sorveljanza tas-suq, tar-rekord tal-awditjar u l-programmi dixxiplinari ta' DCM. Programm simili qed jiġi żviluppat għal SEFs. It-Taqsima 8(a)(1) tas-CEA tagħti lis-CFTC setgħat wiesgħa biex tagħmel investigazzjonijiet biex tiżgura l-konformità mar-regolamenti tas-CEA u s-CFTC. Skont it-Taqsimiet tas-CEA 5(e), 6(b), 6b u 6c(a) is-CFTC tista' wkoll tagħmel azzjonijiet ta' infurzar ċivili biex tevita ksur tas-CEA jew tar-regolament tas-CFTC u tikseb rimedju ġust ieħor u sanzjonijiet monetarji: iġġib il-proċedimenti ta' infurzar amministrattiv, tissospendi jew tirrevoka d-deżinjazzjoni ta' DCM jew ir-reġistrazzjoni ta' SEF, u tirreġistra kontra DCM jew SEF ordni ta' waqfien u ebda tkomplija biex ma jinkisrux ir-regolamenti tas-CEA jew is-CFTC. It-Taqsima 6(c) tas-CEA tagħti l-poter lis-CFTC li tamministra ġuramenti u affermazzjonijiet, it-taħrika tax-xhieda, iġġiegħel l-attendenza tagħhom, tiġbor l-evidenza u teħtieġ il-produzzjoni ta' kotba, korrispondenza, memoranda u rekords oħra, għall-fini ta' infurzar tas-CEA jew għal skopijiet ta' kull att ta' investigazzjoni jew proċediment.

(14) Għalhekk jista' jiġi konkluż li d-DCMs u l-SEFs huma soġġetti għal awtorizzazzjoni u għal superviżjoni u infurzar effettivi fuq bażi kontinwa.

(15) Skont it-tieni kundizzjoni stipulata fl-Artikolu 28(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, ċentri tan-negozjar ta' pajjiżi terzi jrid ikollhom regoli ċari u trasparenti dwar l-ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji għan-negozjar sabiex it-tali strumenti finanzjarji jkunu jistgħu jiġu nnegozjati b'mod ġust, ordinat u effiċjenti, u jkunu negozjabbli liberament.

(16) La d-DCM u lanqas l-SEF ma jistgħu jelenkaw kuntratt ġdid ta' derivati ħlief jekk dak il-kuntratt ma jkunx konformi mar-regolamenti CEA u CFTC, li jiżguraw negozjar ġust, ordnat u effiċjenti. Dan jiġi infurzat billi d-DCMs u l-SEFs kollha jkunu obbligati li jiffajljaw kuntratti ġodda mas-CFTC qabel l-elenkar, jew għall-approvazzjoni mis-CFTC jew b'ċertifikazzjoni permezz tad-DCM jew SEF li l-kuntratt jikkonforma mar-regolamenti CEA u CFTC. L-iffajljar irid jinkludi spjegazzjoni u analiżi tal-kuntratt tad-derivati, u l-konformità tagħha ma' kwalunkwe rekwiżit applikabbli, inkluż ir-rekwiżit tas-CEA li d-DCM jew l-SEF jelenkaw biss kuntratti li ma jistgħux jiġu manipulati faċilment. Il-gwida tas-CFTC għall-konformità ma' dan ir-rekwiżit statutorju jiddikjara li fil-każ ta' kuntratti ta' swaps imħallsa fi flus kontanti, jenħtieġ li d-DCM jew l-SEF iqisu, fost l-oħrajn, l-affidabbiltà tal-prezz tas-saldu fi flus kontanti bħala indikatur tal-valuri tal-prezz tas-suq, kif ukoll l-aċċettabilità kummerċjali, l-aċċessibbiltà għall-pubbliku, u l-puntwalità tas-serje ta' prezzijiet li tintuża biex jiġi kkalkulat il-prezz tal-ħlas bi flus kontanti. Din il-gwida tiddeskrivi wkoll dak li s-CFTC tqis li hija speċifikazzjoni aċċettabbli ta' termini u kundizzjonijiet kuntrattwali. Id-DCM u l-SEF iridu jagħmlu t-termini u l-kundizzjonijiet ta' kuntratt tad-derivati ffajljat ma' CFTC pubblikament disponibbli, fiż-żmien ta' tali ffajljar. Dan ir-rekwiżit ta' ffajljar qabel tiddaħħal fil-lista u r-rekwiżiti tas-CFTC fir-rigward tal-karatteristiċi tal-kuntratt, jgħinu biex jiġi żgurat li l-kuntratti tad-derivati jkunu jistgħu jiġu nnegozjati b'mod ġust, ordinat u effiċjenti. Il-gwida tas-CFTC tassisti lis-CFTC fil-kunsiderazzjonijiet tagħha jekk DCM jew SEF hijiex f'konformità mar-rekwiżiti tal-Prinċipji Ewlenin.

(17) Id-DCMs huma meħtieġa jipprovdu suq kompetittiv, miftuħ u effiċjenti u mekkaniżmu għall-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet li jipproteġu l-proċess tal-iskoperta tal-prezzijiet ta' negozjar f'suq ċentralizzat tad-DCM. Konsistenti ma' dan ir-rekwiżit, id-DCMs kollha jutilizzaw kotba tal-limitu tal-ordnijiet ċentrali fejn jiġu murija l-offerti. Barra minn hekk, DCMs wara l-prezz jikkwotaw l-informazzjoni fuq is-siti elettroniċi pubbliċi tagħhom. Tranżazzjonijiet SEF li jinvolvu swaps li huma soġġetti għar-rekwiżit tat-twettiq tan-negozju tas-CFTC, li mhumiex negozjar ta' blokki, għandhom isiru jew skont Reġistru tal-Ordnijiet, kif definit fir-regolamenti CFTC, jew skont is-Sistema ta' Talba għal Kwotazzjoni li taħdem flimkien ma' Reġistru tal-Ordnijiet. "Sistema ta' talba għal kwotazzjoni" hija definita fir-regolamenti CFTC bħala sistema jew pjattaforma ta' negozjar li fiha parteċipant fis-suq jittrażmetti talba għal kwotazzjoni biex jixtri jew ibigħ strument speċifiku lil mhux inqas minn tliet parteċipanti tas-suq f'sistema jew pjattaforma ta' negozjar, li għaliha jistgħu jirrispondu l-parteċipanti kollha fis-suq. Barra minn hekk, il-Parti 43 tar-regolamenti CFTC titlob għal tranżazzjoni ta' swaps rapportabbli pubblikament li jiġu rrapportati f'repożitorju tad-dejta tal-iswaps (swap data repository, SDR) reġistrat mas-CFTC sa fejn hu teknoloġikament prattikabbli wara li t-tranżazzjoni tkun ġiet eżegwita. Għal tranżazzjoni ta' swaps rapportabbli pubblikament li hija eżegwita fuq jew skont ir-regoli ta' DCM jew SEF, l-SDR irid jiżgura li t-tranżazzjoni ta' swaps u d-dejta tal-ipprezzar ikunu pubblikament imxerrda kemm jista' jkun malajr u sa fejn hu teknoloġikament prattikabbli wara li tali dejta tkun waslet mid-DCM jew l-SEF, sakemm l-iswap ma tkunx soġġetta għal dewmien. SDR huwa meħtieġ li jdewwem it-tixrid pubbliku ta' tranżazzjoni ta' swap u d-dejta ta' prezzar għal tranżazzjonijiet ta' swaps rappurtati pubblikament li jaqbżu ċertu daqs.

(18) Jista' għalhekk jiġi konkluż li d-DCMs u l-SEFs għandhom regoli ċari u trasparenti dwar l-ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji għan-negozjar sabiex it-tali strumenti finanzjarji jkunu jistgħu jiġu negozjati b'mod ġust, ordinat u effiċjenti, u jkunu negozjabbli liberament.

(19) Skont it-tielet kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 28(4)(c) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, l-emittenti ta' strumenti finanzjarji jridu ikunu suġġetti għal rekwiżiti ta' informazzjoni perjodika u kontinwa li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-investitur.

(20) Minħabba n-natura u l-karatteristiċi ta' kuntratti tad-derivati elenkati fuq DCMs u SEFs, u b'mod partikolari l-fatt li l-assi sottostanti tagħhom huma primarjament komoditajiet, rati tal-imgħax jew valuti, it-tielet kundizzjoni ma tistax tiġi applikata għall-parti l-kbira tal-opzjonijiet u swaps eżegwiti fuq DCMs u SEFs. Dan ir-rekwiżit ma jistax japplika għal kuntratti tad-derivati li mhumiex ekwitajiet ta' referenza bħala sottostanti. Għal derivati soġġetti għall-obbligu ta' negozjar, bħal swaps, bir-rati tal-imgħax bħala sottostanti, ma hemm l-ebda kumpanija li tkun tista' toħroġ rapporti finanzjarji rilevanti. L-obbligi ta' żvelar madankollu huma obbligi għall-emittenti ta' kuntratti derivati f'każ li l-assi sottostanti jkun garanzija. Fl-Istati Uniti, din tkun tikkonċerna biss opzjonijiet fuq titoli jew swaps ibbażati fuq titoli. Opzjonijiet fuq it-titoli jistgħu jiġu nnegozjati biss f'borża tat-titoli taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Titoli u l-Kambju (Securities and Exchange Commission, SEC), għalhekk mhux fuq DCMs jew SEFs. Swaps ibbażati fuq titoli tista' ssir tranżazzjoni fuqhom f'faċilità ta' eżekuzzjoni ta' swaps ibbażata fuq titoli, iżda huma rregolati mis-SEC. Fejn it-titolu sottostanti ta' swap ibbażat fuq titoli huwa ammess għan-negozjar f'borża tat-titoli nazzjonali tal-Istati Uniti, l-emittent huwa suġġett għar-rekwiżiti ta' rapportar skont it-Taqsima 13(a) tal-Att dwar il-Kambju u jrid jippubblika rapporti finanzjarji annwali u interim, li għalihom il-qafas regolatorju tal-Istati Uniti għandu rekwiżiti speċifiċi ta' divulgazzjoni ċari, komprensivi u speċifiċi, u l-aċċess liberu għall-pubbliku huwa żgurat permezz tas-sistema msejħa "EDGAR" ipprovduta mis-sit web tas-SEC. Għalhekk, bħala riżultat, xorta waħda huwa żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-investitur.

(21) Skont ir-raba' kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 28(4)(d) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, il-qafas ta' pajjiżi terzi jrid jiżgura t-trasparenza u l-integrità tas-suq permezz ta' regoli li jindirizzaw abbuż tas-suq f'forma ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq.

(22) Ir-regolamenti tas-CEA u CFTC jistabbilixxu qafas regolatorju komprensiv sabiex jiżguraw l-integrità tas-suq u jevitaw l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq. Dan il-qafas jipprojbixxi, u jawtorizza s-CFTC sabiex tieħu azzjoni ta' infurzar kontra aġir li jista' jirriżulta f'distorsjoni tal-funzjonament tas-swieq bħal manipulazzjonijiet tal-prezz u l-komunikazzjoni ta' informazzjoni falza jew qarrieqa (CEA § § 6(c) u 9(a)(2), § § 180.1 u 180.2 tar-regolamenti tal-Kummissjoni), ksur tal-prassi kummerċjali (CEA § § 4c(a) (1)-(2)), ċerti prattiki ta' tfixkil li jistgħu jfixklu l-eżekuzzjoni ordinata tat-tranżazzjonijiet (CEA § 4c(a)(5)) u l-użu, jew attentat ta' użu, ta' apparat manipulattiv, skema jew artifizju ta' frodi (CEA § 6(c)(1), 17 CFR § 180.1 tar-regolamenti tal-Kummissjoni). Il-kummerċ abbażi ta' informazzjoni privileġġata miksuba b'mod illegali jew bi ksur ta' dmir preeżistenti ta' żvelar ta' informazzjoni mhux pubblika jista' wkoll ikun bi ksur tas-CEA. Id-DCMs u l-SEFs għandhom ir-responsabbiltà li jissorveljaw is-swieq tagħhom biex jgħinu jiżguraw li l-attivitajiet ta' kummerċ ikunu soġġetti għal proċess kontinwu u effettiv ta' sorveljanza sabiex jiġu identifikati u evitati attivitajiet

manipulattivi li jistgħu jirriżultaw f'distorsjoni tal-prezzijiet jew manipulazzjoni tas-suq. Il-programm RER tas-CFTC jevalwa sorveljanza u l-programmi dixxiplinari tad-DCM. Programm simili qed jiġi żviluppat għall-SEFs. Barra minn hekk, is-CFTC tista', fi kwalunkwe ħin, fuq inizjattiva tagħha stess, titlob DCM jew SEF li juru li huma f'konformità mal-obbligi tad-DCM jew SEF taħt ir-regolamenti tas-CEA jew CFTC.

(23) Għalhekk jista' jiġi konkluż li l-qafas applikabbli għad-DCMs u l-SEFs fl-Istati Uniti jiżgura t-trasparenza u l-integrità tas-suq permezz ta' regoli li jindirizzaw abbuż tas-suq f'forma ta' informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq.

(24) Għalhekk jista' jiġi konkluż li d-DCMs u l-SEFs jikkonformaw ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti għaċ-ċentri tan-negozjar li jirriżultaw mid-Direttiva 2014/65/UE, ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 u r-Regolament (UE) Nru 600/2014 u li huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz.

(25) F'konformità mal-Artikolu 28(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, ċentri tan-negozjar ta' pajjiżi terzi jistgħu jiġu rikonoxxuti bħala ekwivalenti sakemm il-pajjiż terz jipprovdi għal sistema ekwivalenti effettiva għar-rikonoxximent taċ-ċentri tan-negozjar awtorizzati skont id-Direttiva 2014/65/UE għall-ammissjoni għan-negozjar ta' derivati dikjarati soġġetti għall-obbligu ta' negozjar f'dak il-pajjiż terz fuq bażi mhux esklużiva.

(26) Skont is-CEA, it-Taqsima 5h(g), is-CFTC hija awtorizzata li teżenta mir-reġistrazzjoni faċilitajiet ta' eżekuzzjoni ta' swaps jekk is-CFTC ssib li l-faċilitajiet huma suġġetti għal superviżjoni u regolamentazzjoni komparabbli u komprensiva fuq bażi konsolidata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-pajjiż ta' oriġini tal-faċilità. Skont it-Taqsima 5h(g), is-CFTC għandha s-setgħa li teżenta lis-swieq regolati kollha, MTFs u OTFs innotifikati mill-Kummissjoni permezz ta' ordni unika ladarba s-CFTC tiddetermina li ċ-ċentri notifikati huma soġġetti għal superviżjoni u regolamentazzjoni komparabbli u komprensiva fuq bażi konsolidata.

(27) Dikjarazzjoni konġunta mill-President tas-CFTC u l-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għas-servizzi finanzjarji tistipula l-approċċ tas-CFTC li jikkonċerna l-eżenzjoni ta' postijiet tal-kummerċ tal-UE. Id-deċiżjoni se tiġi kkumplimentata wkoll bi ftehimiet ta' kooperazzjoni biex ikun żgurat l-iskambju effettiv ta' informazzjoni u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet superviżorji bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni taċ-ċentri tan-negozjar tal-UE rikonoxxuti u s-CFTC.

(28) Għalhekk jista' jiġi konkluż li l-qafas legali u superviżorju tal-Istati Uniti tal-Amerika jipprovdi għal sistema ekwivalenti effettiva għar-rikonoxximent taċ-ċentri tan-negozjar awtorizzati skont id-Direttiva 2014/65/UE għall-ammissjoni għan-negozjar jew negozjar ta' derivati ddikjarati soġġetti għar-rekwiżit tal-eżekuzzjoni tal-kummerċ fl-Istati Uniti fuq bażi mhux esklussiva.

(29) Din id-deċiżjoni tiddetermina l-eliġibbiltà ta' ċentri tan-negozjar ta' pajjiżi terzi biex tippermetti kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji stabbiliti fl-Unjoni biex ikunu konformi mal-obbligu ta' negozjar tagħhom meta jkunu qed jinnegozjaw id-derivati f'ċentru ta' pajjiż terz. Din id-deċiżjoni ma taffettwax l-abbiltà ta' kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji stabbiliti fl-Unjoni li jinnegozjaw derivati li mhumiex soġġetti għall-obbligu ta' negozjar f'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 dwar ċentri tan-negozjar ta' pajjiżi terzi.

(30) Din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq ir-rekwiżiti legalment vinkolanti relatati ma' DCMs u SEFs applikabbli fl-Istati Uniti fiż-żmien tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli tagħmel monitoraġġ fuq bażi regolari tal-evoluzzjoni tal-arranġamenti legali u superviżorji għal dawn iċ-ċentri tan-negozjar, tal-iżviluppi tas-suq, l-effettività ta' kooperazzjoni superviżorja fir-rigward tal-monitoraġġ u l-infurzar u l-issodisfar tal-kundizzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom ittieħdet din id-Deċiżjoni.

(31) Ir-reviżjoni regolari tal-arranġamenti legali u superviżorji applikabbli fl-Istati Uniti tal-Amerika għad-DCMs u l-SEFs awtorizzati bihom u l-iżvilupp tas-suq hija mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Kummissjoni twettaq rieżami speċifiku fi kwalunkwe ħin fejn l-iżviluppi rilevanti jagħmluha neċessarja għall-Kummissjoni li tivvaluta mill-ġdid l-ekwivalenza mogħtija b'din id-Deċiżjoni. Valutazzjoni mill-ġdid bħal din tista' twassal għat-tħassir ta' din id-Deċiżjoni.

(32) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet tal-Artikolu 28(4) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, il-qafas legali u superviżorju tal-Istati Uniti tal-Amerika li japplika għal swieq magħżula tal-kuntratti u faċilitajiet ta' eżekuzzjoni ta' swaps awtorizzati hemmhekk, u stabbiliti fl-Anness għandu jitqies li huwa ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 600/2014 għal ċentri ta' negozjar kif definit fid-Direttiva 2014/65/UE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Swieq magħżula tal-kuntratti meqjusa ekwivalenti għal ċentri tan-negozjar kif definit fid-Direttiva 2014/65/UE:

(a) Cantor Futures Exchange, L.P.

(b) CBOE Futures Exchange, LLC

(c) Chicago Board of Trade (il-Bord tal-Kummerċ tal-Belt ta' Chicago, Inc.)

(d) Chicago Mercantile Exchange, Inc.

(e) Commodity Exchange, Inc.

(f) Eris Exchange, LLC

(g) ICE Futures U.S., Inc.

(h) Minneapolis Grain Exchange, Inc.

(i) NASDAQ Futures, Inc.

(j) New York Mercantile Exchange, Inc.

(k) Nodal Exchange, LLC

(l) North American Derivatives Exchange, Inc.

(m) OneChicago LLC

(n) trueEX LLC

Faċilitajiet tal-eżekuzzjoni ta' swaps meqjusa ekwivalenti għal ċentri tan-negozjar kif definit fid-Direttiva 2014/65/UE:

(a) 360 Trading Networks, Inc.

(b) Bats Hotspot SEF, LLC

(c) BGC Derivatives Markets, L.P.

(d) Bloomberg SEF LLC

(e) Chicago Mercantile Exchange, Inc.

(f) Clear Markets North America, Inc.

(g) DW SEF LLC

(h) FTSEF LLC

(i) GFI Swaps Exchange LLC

(j) GTX SEF LLC

(k) ICAP SEF (US) LLC

(l) ICE Swap Trade LLC

(m) LatAm SEF, LLC

(n) LedgerX LLC

(o) MarketAxess SEF Corporation

(p) Seed SEF LLC

(q) SwapEx LLC

(r) TeraExchange, LLC

(s) Thomson Reuters (SEF) LLC

(t) tpSEF Inc.

(u) Tradition SEF, Inc.

(v) trueEX LLC

(w) TW SEF LLC